



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Lussemburgu, 16 ta' Ottubru 2017
(OR. en)

13109/17

CSDP/PSDC 546
CFSP/PESC 870
POLMIL 116
COWEB 121
BIH 17

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	16 ta' Ottubru 2017
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: Suġġett:	12992/17 CSDP/PSDC 531 CFSP/PESC 854 POLMIL 108 COWEB 119 BIH 15 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Bożnija-Ħerzegovina - Konklużjonijiet tal-Kunsill (16 ta' Ottubru 2017)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Bożnija-Ħerzegovina, adottati mill-Kunsill fit-3566 laqgħa tiegħu li saret fis-16 ta' Ottubru 2017.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IL-BOŻNIJA-HERZEGOVINA

1. Il-Kunsill itenni l-impenn inekwivoku tiegħu lejn il-perspettiva tal-Bożnija-Herzegovina orjentata lejn l-UE bħala pajjiż wieħed, magħqud u sovrani. Il-Kunsill jiddispjaċih li r-retorika diviżiva ankrata fil-passat u aġenda elettorali bikrija matul dawn l-aħħar xhur, naqqsu r-ritmu tar-riforma u affettwaw il-klima politika.
2. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza tal-impenn tal-pajjiż fil-proċess ta' integrazzjoni mal-UE. Huwa jinnota b'mod pożittiv li l-implimentazzjoni inizjali tal-Aġenda ta' Riforma pprovdiet l-ewwel passi ta' aġġustamenti strutturali lejn l-ekonomija tal-Bożnija-Herzegovina. Madankollu, hu jħeġġeġ lill-awtoritajiet biex iżidu l-isforzi fl-implimentazzjoni ta' riformi komprensivi, b'mod inklużiv, għall-benefiċċju taċ-ċittadini. Barra minn hekk, il-Kunsill jappella lill-istituzzjonijiet tal-Bożnija-Herzegovina biex iżidu l-isforzi inkluż rigward il-funzjonament u l-indipendenza tal-ġudikatura, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata kif ukoll il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni.
3. Il-Kunsill iħeġġeġ ukoll lill-Bożnija-Herzegovina biex tkompli l-ħidma li saret biex tirrispondi għall-Kwestjonarju dwar il-Fehmiet imfassal mill-Kummissjoni permezz tal-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-UE. Il-Kunsill itenni l-appelli tiegħu fuq il-livelli kollha ta' governanza fil-Bożnija-Herzegovina biex tkun żgurata l-effettività tal-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni, inkluż għall-fini li jiġu żgurati twegġibiet armonizzati u konsolidati għall-Kwestjonarju dwar il-Fehmiet imfassal mill-Kummissjoni.
4. Filwaqt li jirrikonoxxi li l-Kostituzzjoni tal-Bożnija-Herzegovina telenka lill-Bosniaci, lill-Kroati u lis-Serbi bħala popli kostitwenti (flimkien ma' Oħrajn), il-Kunsill itenni li l-prinċipji tal-ugwaljanza taċ-ċittadini kollha u tan-nondiskriminazzjoni għandhom ikunu garantiti għal kollox. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jissottolinja li ma għandu jittieħed ebda pass legiŝlattiv jew politiku li jista' jxekkel l-implimentazzjoni tas-sentenza Sejdić-Finci u sentenzi relatati.

5. B'żieda mar-rakkomandazzjonijiet pendenti tal-OSKE-ODIHR biex il-qafas elettorali jittejjeb aktar, il-Kunsill jistenna li l-Bożnija-Herzegovina tittratta, qabel l-iskadenzi meħtieġa, is-sentenza ta' Diċembru 2016 tal-Qorti Kostituzzjonali tal-Bożnija-Herzegovina rigward dispożizzjonijiet elettorali speċifiċi dwar il-Kamra tal-Ġnus tal-Federazzjoni. Il-Kunsill iqis li l-approċċ lejn ir-riformi elettorali jeħtieġ li jsir fi spirtu ta' kunsens u djalogu, bħala kwistjoni importanti, b'hekk ukoll isir appell lill-Bożnija-Herzegovina biex timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-OSKE-ODIHR sabiex il-pajjiż jimxi lejn l-istandards Ewropej, waqt li jittejjbu l-proċessi demokratiċi ta' elezzjonijiet futuri.
6. L-UE tkompli fl-istess ħin thegħeġ lill-awtoritajiet tal-Bożnija-Herzegovina, bl-appoġġ tal-komunità internazzjonali, biex jaċċelleraw l-isforzi tagħhom biex jindirizzaw ir-rimi ta' munizzjon żejjed u t-tneħħija ta' mini u kwistjonijiet pendenti oħra.
7. Il-Kunsill jilqa' l-preżenza kontinwa tal-Operazzjoni Althea, li għadha tista' tikkontribwixxi għall-kapaċità ta' deterrenza tal-awtoritajiet tal-Bożnija-Herzegovina jekk is-sitwazzjoni tkun tirrikjedi dan, filwaqt li tiffoka fuq il-bini ta' kapaċitajiet u t-taħriġ. F'dan il-kuntest, bħala parti mill-istrateġija ġenerali tal-UE għall-Bożnija-Herzegovina, il-Kunsill jikkonferma li f'dan l-istadju l-UE tinsab lesta li tkompli r-rwol militari eżekuttiv tal-Operazzjoni Althea biex tappoġġa lill-awtoritajiet tal-Bożnija-Herzegovina biex iżommu l-ambjent sigur u mingħajr periklu, fuq mandat imġedded tan-NU. Il-Kunsill jistenna b'interess il-preżentazzjoni tar-Rieżami Strateġiku previst, bħala bażi għad-diskussjoni mal-Istati Membri dwar għażliet għall-futur tal-Operazzjoni, filwaqt li jitqies ukoll il-progress tal-Bożnija-Herzegovina fil-proċess ta' integrazzjoni tagħha fl-UE u jittieħed kont tas-sitwazzjoni tas-sigurtà fuq il-post.

Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza ta' koordinazzjoni kontinwa ta' EUFOR Althea ma' atturi internazzjonali oħra fil-post.